MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 991/2012

**Sun Aluminium Ltd**
**vs**
**Carolina Investments Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-3 ta’ Ottubru 2012 li jghid hekk:
1. Illi l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma ta' sbatax-il elf u tlieta u hamsin euro u sittax-il centezmu (€17,053.16), liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut mill-kumpannija attrici fuq l-ordni u l-inkarigu tal-kumpannija konvenuta, flimkien ma’ bilanc ta' imghax fl-ammont ta' erba' mija tmienja u sebghin euro u tnejn u erbghin centezmu (€478.42) ikkalkulat bla pregudizzju ghal kwalunkwe imghaxijiet ulterjuri, mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali interpellatorja tat-23 ta' Mejju 2012 sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li flimkien jammontaw ghas-

somma komplessiva ta' sbatax-il elf hames mija u wiehed u tletin euro u tnejn u hamsin centezmu (€17,531.52).

2. Illi l-istess xoghol gie debitament provdut mill-kumpannija attrici favur il-kumpannija konvenuta f'Blokkijiet A u B f'kumpless ta' appartamenti, minghajr numru ufficjali, maghruf bhala "Carolina Apartments" f'Bugibba, San Pawl il-Bahar.

3. Illi minkejja d-diversi interpellanzi li sarulha, il-kumpannija konvenuta baqghet inadempjenti.

4. Illi l-imsemmi ammont jikkostitwixxi dejn cert, likwidu u li ghalaq, li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u, safejn jaf l-esponent, il-kumpannija konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq fir-rigward ta' din it-talba u ghalhekk jikkonkorru l-elementi preskritti fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispenza tas-smigh.

5. Illi fil-fatt, il-kumpannija attrici tinsab infurmata li n-nuqqas ta' hlas mhuwiex dovut ghal xi kontestazzjoni relatata max-xogholijiet maghmula minnha, izda ghal nuqqas ta' qbil ta' natura generali bejn l-azzjonisti tal-kumpannija konvenuta.

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-kumpannija attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddispensa din il-kawza mis-smigh a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma ta' sbatax -il elf u tlieta u harnsin Euro u sittax -il centezmu (€ 17053.16), liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut mill-kumpannija attrici fuq l-ordni u l-inkarigu tal-kornpannija konvenuta, flimkien ma bilanc ta' imghax fl-ammont ta' erba' mija tmienja u sebghin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€

478.42) ikkalkulat bla pregudizzju ghal kwalunkwe imghax ulterjuri, mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali interpellatorja tat-23 ta' Mejju 2012 sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li flimkien jammontaw ghas-sornrna komplessiva ta' sbatax -il elf hames mija u wiehed u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€ 17531.52);

3. Tikkundanna lill-kurnpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta' sbatax-il elf u tlieta u hamsin euro u sittax-il centezmu (€17,053.16), liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut mill-kumpannija attrici fuq l-ordni u l-inkarigu tal-kumpannija konvenuta, flimkien ma’ bilanc ta' imghax fl-ammont ta' erba' mija tmienja u sebghin euro u tnejn u erbghin centezmu (€478.42) ikkalkulat bla pregudizzju ghal kwalunkwe imghax ulterjuri, mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali interpellatorja tat-23 ta' Mejju 2012 sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li flimkien jammontaw ghas-somma komplessiva ta' sbatax-il elf hames mija u wiehed u tletin euro u tnejn u hamsin centezmu (€17,531.52).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2012, u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpannija konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet ipprezentata fis-seduta stante tal-5 ta’ Novembru 2012 fejn giet ceduta t-talba attrici ghall-interessi u giet ammessa t-talba attrici fil-mertu;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta rikorrenti;

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tenut kont tal-ammissjoni tas-socjeta konvenuta ghas-sorte eskluz kull imghax, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ sbatax-il elf u tlieta u hamsin euro u sittax-il centezmu

(€17,053.16), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ezegwit u materjal provdut mill-kumpannija attrici fuq l-ordni u l-inkarigu tal-kumpannija konvenuta, bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------